# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum l-20 t' April, 2016**

**Rikors Numru 421/13**

**Albert F.S. Manduca Limited**
**(C – 247)**

**vs**

**Claude Paris**
**Karta ta' l-identita` numru 386578M**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat it-3 ta' Mejju, 2013, li permezz tieghu r-rapprezentant tas-socjeta` rikorrenti sintetikament espona is-segwenti:

1.1. Illi l-intimat effettwa diversi ordnijiet ta' merkanzija minghand is-socjeta` rikorrenti ghar-ristorant tieghu *La Vita Brasserie*;

1.2. Illi l-ammonti mibjugha u kkonsenjati lill-istess intimat mis-socjeta` rikorrenti jammontaw komplessivament ghal hmistax il-elf, mitejn u tmienja u disghin Ewro u sitta u tmenin centezmu, (€15,298.86), (ara foll 4);

1.3. Illi ghalkemm interpellat biex ihallas l-ammont minnhu dovut, l-intimat baqa` inadempjenti, (ara foll 12);

1.4. Illi ghaldaqstant is-socjeta` rikorrenti aderiet din il-qorti biex l-intimat ikollu l-opportunita` jghid ghaliex din m'ghandiex:

1.4.1. Tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh *ai termini* ta' l-artiklu 167 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

1.4.2. Tikkundanna lill-intimat ihallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta' €15,298.86 kif fuq indikat;

1.4.3. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur u bl-imghaxijiet kummercjali skont il-ligi sad-data tal-effettiv pagament;

2. Rat il-verbal datat l-24 ta' Mejju, 2013, li permezz tieghu il-qorti kif hemm preseduta astjeniet milli tiehu konjizzjoni tal-kawza ghar-raguni hemm indikata, (ara foll 14);

3. Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat l-10 ta' Lulju, 2013, li permezz tieghu irriappuntat il-kawza ghas-smiegh, (ara foll 17);

4. Rat in-nota tal-intimat datata t-13 ta' Novembru, 2013, li permezz taghha, ghar-rgunijiet hemm sintetikament esposti, informa lill-qorti li kellu risposti validi x'jintroduci, (ara foll 24);

5. Rat id-digriet datat it-13 ta’ Novembru, 2013, li permezz tieghu l-istess qorti kif hemm preseduta regghet astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kawza, u dan, ghar-raguni hemm indikata, (ara foll 25);

6. Rat l-ordni t’assenjazzjoni datat z-19 ta’ Novembru, 2013, li permezz tieghu il-kawza odjerna giet issa assenjata lil din il-qorti kif preseduta, (ara foll 27);

7. Rat id-digriet taghha datat l-4 ta’ Frar, 2014, u ghar-raguni hemm indikata awtorizzat lill-intimat jipprezenta r-risposta tieghu fi zmien ghoxrin (20) gurnata, (ara foll 32);

8.0. Rat ir-risposta guramentata tal-intimat datata l-21 ta’ Frar, 2014, li permezz taghha sintetikament wiegeb bil-mod segwenti:

8.1. Illi hu direttur u azzjonist flimkien m’ohrajn, tas-socjeta` *“C & C Caterers Limited”*, liema socjeta` kienet tiggestixxi r-ristorant *“La Vita de la Vallette”*, (ara foll 34);

8.2. Illi kull negozju li sar mas-socjeta` rikorrenti qatt ma sar f’ismu personali izda sar biss ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` indikata fil-paragrafu precedenti;

8.3. Illi l-intimat qatt ma impjega lil hadd;

8.4. Illi kienet biss *“C & C Caterers Limited”* li kienet timpjega lil-impjegati, fosthom lill-istess intimat;

8.5. Illi l-fatturi pprezentati mis-socjeta` rikorrenti huma indirizzati lil *“La Vita Brasserie”* (ara foll 4 *et sequitur),* liema isem fil-fatt qatt ma ezista;

8.6. Illi *di piu`* l-istess fatturi mhumiex indirizzati f’isem l-intimat;

8.7. Illi kull hlas effettwat lis-socjeta` rikorrenti sar permezz ta’ *cheque* tas-socjeta` *“C & C Caterers Limited”;*

8.8. Illi ghalhekk, is-socjeta` rikorrenti kienet konsapevoli minn kienu l-partijiet involuti fit-trattazzjonijiet in dizamina;

8.9. Illi s-socjeta` *"C & C Caterers Limited"* kellha impjegati responsabbli mill-istabiliment, liema impjegati kienu direttament jordnaw il-bzonnijiet minnhom rikjesti mis-socjeta` rikorrenti;

8.10. Illi l-intimat dejjem agixxa *qua* direttur u mhux f'ismu proprju;

8.11. Salv risposti ulterjuri;

9. Rat id-digriet taghha datat il-21 ta' Jannar, 2015, li permezz tieghu, fuq talba appozita ta' l-abbli rapprezentanti tal-partijiet, awtorizzat lill-istess biex jittrattaw il-kaz bil-modalita` u fit-termini hemm indikati, (ara foll 146);

10. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta` rikorrenti datata t-2 ta' Frar, 2015, (ara foll 147), flimkien man-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimat datata l-11 ta' Marzu, 2015, (ara foll 153);

11. Semghet ix-xhieda prodotta;

12. Ezaminat id-dokumenti kollha esebiti;

Ikkunsidrat:

13.0. Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament esposti bil-mod segwenti:

13.1. Illi s-socjeta` rikorrenti kellha relazzjoni kummercjali mal-intimat billi kienet tfornieh bi kwantitajiet ta' mbid ghar-ristorant minnhu gestit;

13.2. Illi pero` l-intimat isostni li f'din ir-relazzjoni li kellu mas-socjeta` rikorrenti hu qatt m'agixxa personalment izda ghan-nom u in rapprezentanza ta' socjeta` bl-isem *"C & C Caterers Limited"*, liema socjeta` kienet tiggestixxi r-ristorant in dizamina;

13.3. Illi in effetti il-fatturi pprezentati in atti juru bl-aktar mod inekwivoku li l-intimat hu estraneu ghall-pagamenti rikjamati *stante* li l-istess fatturi jirrizultaw lkoll indirizzati versu *"La Vita Brasserie"*, u mhux versu l-intimat, (ara foll 4 sa 11 u 54 sa 122);

13.4. Illi *di piu`*, il-pagamenti effettwati lis-socjeta` rikorrenti ghall-merkanzija minnha mibjugha u kkonsenjata gew imhallsa permezz ta' cekkijiet ilkoll indikanti s-socjeta` *"C & C Caterers Limited"*;

13.5. Illi rizultat tal-istess, l-intimat ma jidhirx li kellu xi relazzjoni personali mas-socjeta` rikorrenti, u jekk iffigura, dejjem iffigura ghan-nom u in rapprezentanza tal-istess socjeta` li f'isimha effettwat il-pagamenti taghha bic-cekkijiet riferiti fil-paragrafu precedenti;

Ikkunsidrat:

14.0. Illi minn analisi tax-xhieda prodotta jirrizulta sintetikament is-segwenti:

14.1. Illi skont is-*"sales manager"* tas-socjeta` rikorrenti kien l-intimat Paris li kien jaghmel l-ordnijiet personalment mis-socjeta` rikorrenti, (ara foll 43);

14.2. Illi min-naha tieghu l-intimat isostni li hu qatt m'ghamel negozju mas-socjeta` rikorrenti, (ara foll 33), u li l-ordnijiet fir-ristorant in dizamina kienu jsiru mill-*manager* tal-istess, (ara foll 48);

Ikkunsidrat:

15.0. Illi tenut kont tas-suespost jirrizulta alura li l-qorti hi rinfaccata b'zewg verzjonijiet konfliggenti u dijametrikament opposti, senjatament:

15.1. Illi n-negozju in dizamina sar bejn is-socjeta` rikorrenti u l-intimat personalment;

15.2. Illi r-relazzjoni kummercjali li kienet giet stabbilita f'dan in-negozju kienet bejn is-socjeta` rikorrenti u s-socjeta` *C & C Caterers Limited* li effettivament kienet is-socjeta` li tiggestixxi r-ristorant in dizamina;

15.3. Illi fit-tieni ipotesi, l-intimat ikun ghal kollox estraneu ghar-relazzjoni *de* quo u ghalhekk irid jigi ezonorat minn kwalunkwe responsabbilita` indirizzata fil-konfront tieghu;

Ikkunsidrat:

16.0. Illi minn ezami ta' rizultanzi estraneji u oggettivi jirrizulta is-segwenti:

16.1. Illi l-fatturi rilaxxati mill-istess socjeta` rikorrenti m'humiex indirizzati fil-konfront tal-intimat;

16.2. Illi l-pagamenti accettati mis-socjeta` rikorrenti ghall-merkanzija minnha mibjugha u kkonsenjata gew effettwati permezz ta' cekkijiet appartenenti lis-socjeta` *C & C Caterers Limited*;

Ikkunsidrat:

17. Illi konsegwenza tal-istess is-socjeta` rikorrenti tirrizulta li kienet ben konsapevoli li l-intimat Paris ma kienx jiffigura personalment fir-relazzjoni kummercjali in dizamina;

18. Illi ghalhekk kwalunkwe intervent tal-intimat fir-rigward jirrizulta li kien biss ghan-nom u in rapprezentanza tal-imsemmija socjeta` li taghha hu kien direttur u azzjonist u mhux ghan-nom tieghu personalment;

19. Illi ghalhekk kull intervent tal-intimat fir-rigward jirrizulta li kien fl-istess livell tal-*manager* tar-ristorant gestit mill-istess socjeta` - u xejn aktar;

20. Illi *di piu`* kemm fuq l-istess fatturi fuq gia` riferiti, (ara paragrafu numru tlettax punt tlieta, (13.3.), aktar qabel), kif ukoll fuq dokument a foll 140, in-numru tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud hemm indikat jappartjeni lis-socjeta` *C & C Caterers Limited* u bl-ebda mod m'hu assocjat mal-intimat personalment;

Ikkunsidrat:

21. Illi tenut kont tas-suespost il-versjoni tal-intimat hi ferm aktar verosimili u timmerita l-avall ta' din il-qorti;

22.0. Illi konsegwentement din il-qorti:

**DECIDE:**

22.1. Ma tqisx li s-socjeta` rikorrenti pprovat it-talbiet taghha skont il-ligi;

22.2. Takkolji ghalhekk ir-risposti tal-intimat;

22.3. Tirrespingi t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti;

22.4. Bl-ispejjez kontra s-socjeta` rikorrenti.

____________________
Onor. Imhallef Silvio Meli

**Decizjoni Finali**